Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Numru. 748/2006

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Nazzareno Buhagiar, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru, 1970
u
Joseph Mary Difesa, iben Joseph, imwieled Valletta fil-21 ta' Settembru, 1951
u
Gilmore Cachia, iben Martin, imwieled Pieta' fit-3 ta' Novembru, 1985
u
Michael Sultana, iben Angelo, imwieled Pieta' fit-23 ta' April, 1975
u
Dylan Difesa, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-3 ta' Jannar, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fid-19 ta’ Diċembru, 2005 u fid-dati preċedenti fil-Belt, Valletta xjentement qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammew għandhom għall-bejgħ jew importaw għal ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbħin b’qerq, u cioe’ numru ta’ CDs u DVDs ikkupjati;
lil Nazzareno Buhagiar, waħdu:
talli sar reċidiv b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 10 ta’ Diċembru, 2003, 29 ta’ Marzu, 2004 u 25 ta’ Novembru, 2004 liema sentenżi huma definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
lil Joseph Difesa, waħdu:
talli sar reċidiv b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 4 ta’ Frar, 2002, 27 ta’ Jannar, 2003 u 10 ta’ Diċembru, 2003 liema sentenżi huma definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
lil Gilmore Cachia, waħdu:
talli sar reċidiv b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 14 ta’ Jannar, 2003, 25 ta’ Novembru, 2004 u 17 ta’ Novembru, 2005 liema sentenżi huma definitivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
lil Michael Sultana, waħdu:
talli sar reċidiv b’sentenża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-27 ta’ Ġunju, 2002 liema sentenża hija definitiva u ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Ottubru, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom.  Fil-konfront ta' Dylan Difesa.  Rat l-artikolu 298(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250).  Fil-konfront ta' l-imputati l-oħra.  Rat l-artikoli 49, 50 u 298(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250).  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------